

Il-Manutenzjoni u l-OHSA — Stampa statistika

Skont l-Istandard Ewropew 13306,¹ il-manutenzjoni tikkonċerna l-kumbinazzjoni tal-azzjonijiet tekniċi, amministrattivi u managerjali kollha matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' oġġett – *il-post tax-xogħol (il-bini), l-għodda tax-xogħol, jew il-mezzi ta' trasport* – intiża biex iżżommu fi stat, jew terġa' ġġibu fi stat, li fih jista' jaqdi l-funzjoni meħtieġa'. Il-manutenzjoni tinfluwenza s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'żewġ modi. L-ewwel nett, il-manutenzjoni regolari, ipplanata u mwettqa b'mod korrett, hija essenzjali sabiex il-magni u l-ambjent tax-xogħol jinżammu siguri u affidabbli. It-tieni nett, il-manutenzjoni fiha nfisha għandha titwettaq b'mod sigur, bi protezzjoni xierqa għall-ħaddiema tal-manutenzjoni u għan-nies l-oħra preżenti fuq il-post tax-xogħol.

Tista' ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' manutenzjoni:

- **il-manutenzjoni korrettiva**, meta l-azzjonijiet huma intiżi biex jirrestawraw sistema minn stat ta' ħsara għal stat funzjonali (eż. tiswija jew tibdil ta' komponenti mkissrin). Din it-tip ta' manutenzjoni hija magħrufa wkoll bħala 'manutenzjoni reattiva' għaliex l-azzjoni tinbeda meta jseħħ episodju ta' ħsara mhux skedat ta' apparat.
- **il-manutenzjoni preventiva**, meta l-azzjonijiet jitwettqu f'intervalli predeterminati jew skont kriterji preskritti ntiżi biex inaqqsu l-probabbiltà ta' ħsara jew ta' degradazzjoni tal-funzjoni ta' oġġett. F'dan il-każ, l-azzjonijiet huma skedati, proattivi u maħsubin sabiex jikkontrollaw il-proċess ta' deterjorament li jwassal għal ħsara f'sistema (eż. tibdil, lubrikazzjoni, tindif jew spezzjoni).


Il-manutenzjoni tkopri bosta okkupazzjonijiet u tikkonċerna s-setturi kollha ta' attivitajiet. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa diffiċli li jiġi identifikat in-numru eżatt ta' ħaddiema involuti fl-attivitajiet ta' manutenzjoni. Dejta minn Franza u Spanja tindika li **madwar 6% tal-popolazzjoni li taħdem** hija involuta f'xogħlijiet ta' manutenzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-manutenzjoni huma rġiel (madwar 90% fi Franza u 65% fi Spanja), u fi ħdan din il-kategorija ta' ħaddiema l-akbar grupp huwa dak tal-età ta' bejn 30 u 49 sena.

Skont stħarriġ li sar fl-2005 fi Franza, il-manutenzjoni hija **l-aktar funzjoni sottokuntrattata fl-industrija**. Fi Spanja, il-ħaddiema tal-manutenzjoni jinsabu l-aktar ta' spiss fis-settur tas-servizzi (70% fl-2004), imbagħad fl-industrija (19%), u fil-bini (10%).

Minħabba li jwettqu fixxa wiesgħa ta' attivitajiet differenti, il-ħaddiema tal-manutenzjoni huma esposti għal ħafna perikli u għal perikli varjati fuq ix-xogħol. Hemm perikli fiżiċi (ħsejjes, vibrazzjonijiet, sħana eċċessiva u keśha eċċessiva, radjazzjoni, ammont kbir ta' xogħol fiżiku), perikli kimiċi (xogħol fl-asbestos, iwweldjar, espożizzjoni għal sustanzi perikolużi waqt xogħol fi spazji ristretti), perikli bijoloġiċi (leġjonella, leptospira), u perikli psikosoċjali (organizzazzjoni batuta ta' xogħol). Il-ħaddiema tal-manutenzjoni qegħdin ukoll friskju ta' kull tip ta' inċident.

Dejta mill-istħarriġ Spanjol dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tindika espożizzjoni oġhla tal-ħaddiema tal-manutenzjoni għal ħsejjes, vibrazzjonijiet u tipi differenti ta' radjazzjoni meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni li taħdem (ara Figura 1). Il-ħaddiema tal-manutenzjoni huma wkoll aktar esposti għas-sħana fis-sajf (44% meta mqabbla ma' 19% fost okkupazzjonijiet oħra), għall-keśha fix-xitwa (44% meta mqabbla ma' 17%) u għal atmosfera umda (25% meta mqabbla ma' 13%). Huma wkoll aktar esposti għal sustanzi perikolużi, fwawar u dħaħen.

Figura 1. Espożizzjoni għall-perikli fost il-ħaddiema tal-manutenzjoni (Spanja, 2007).



Analiżi tad-dejta tal-EUROSTAT ibbażata fuq il-metodoloġija tal-ESAW (Statistika Ewropea dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol) tista' tgħin fl-identifikazzjoni tal-inċidenti relatati mal-operazzjonijiet tal-manutenzjoni f'bosta pajjiżi Ewropej. Fi ħdan il-varjabbli 'proċess tax-xogħol', użat għall-klassifikazzjoni tal-kawżi u taċ-ċirkostanzi tal-inċidenti, hemm erba' subkategoriji relatati mal-**operazzjonijiet tal-manutenzjoni**:


- armar, preparazzjoni, istallazzjoni, immuntar, diżassemblaġġ, żamar
- manutenzjoni, tiswija, irfinar, aġġustament
- tindif mekkanizzat jew manwali ta' żoni tax-xogħol u ta' magni
- monitoraġġ, ispezzjoni ta' proċeduri tal-manifattura, żoni tax-xogħol, mezzi tat-trasport, għodda – bi jew mingħajr apparat tal-monitoraġġ.

In-numru ta' inċidenti relatati ma' dawn is-subkategoriji tqabbel man-numru totali ta' inċidenti relatati ma' kwalunkwe subkategorija oħra fi ħdan il-varjabbli 'proċess tax-xogħol'.

(¹) CEN EN 13306 Terminoloġija tal-Manutenzjoni, <http://www.cen.eu/>

Id-dejta turi li madwar **20%** tal-inċidenti kollha fil-Belġju (fl-2005-2006) kienu relatati ma' operazzjonijiet tal-manutenzjoni, kif ukoll madwar **18-19%** fil-Finlandja, **14-17%** fi Spanja, u **10-14%** fl-Italja (fl-2003-2006). Barra minn hekk, il-figuri minn bosta pajjiżi Ewropej jindikaw li fl-2006 madwar **10-15% tal-inċidenti fatali kollha kienu relatati mal-operazzjonijiet tal-manutenzjoni** (ara Figura 2). Studji xjentifiċi jindikaw li l-mard u l-problemi tas-saħħa relatati max-xogħol (bħall-asbestożi, il-kanċer, problemi fis-smiġh, u disturbi muskuloskeletal) huma wkoll aktar prevalenti fost il-ħaddiema involuti f'attivitajiet ta' manutenzjoni.

Figura 2. Numru ta' inċidenti fatali relatati mal-operazzjonijiet tal-manutenzjoni (EUROSTAT, 2006).



Dejta tal-EUROSTAT minn ħames pajjiżi tal-UE tindika li l-biċċa l-kbira tal-inċidenti relatati mal-manutenzjoni jseħħu f'attivitajiet ta' manifattura, bini, beni immobbli, kiri u kummerċ,² u fl-Awstrija fil-lukandi u r-ristoranti wkoll. Barra minn hekk, fl-2006, fis-settur tal-**foriment tal-elettriku, gass u ilma, 50%** tal-inċidenti fil-Finlandja u l-Belġju, **34%** fi Spanja, u **23%** fl-Italja kienu relatati mal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni. Fis-settur tal-**attivitajiet tal-beni immobbli, tal-kiri u tal-kummerċ, 40%** tal-inċidenti fil-Finlandja, **34%** fi Spanja, u **26%** fil-Belġju kienu relatati mal-manutenzjoni. Fil-Belġju wkoll, fis-settur tal-**edukazzjoni, 41%** tal-inċidenti kienu relatati mal-manutenzjoni. F'setturi oħrajn, skont il-pajjiż, **15-20%** tal-inċidenti kienu relatati mal-operazzjonijiet ta' manutenzjoni.

Il-letteratura xjentifika tindika li l-biċċa l-kbira tal-inċidenti seħħew matul l-attivitajiet ta' **manutenzjoni korrettiva**. Barra minn hekk, analiżi ta' dejtabejż dwar l-inċidenti fuq ix-xogħol Franċiża turi li fl-2002 l-impjegati tal-manutenzjoni kienu t-tieni l-aktar vittmi frekwenti ta' inċidenti relatati mas-subkuntrattar, eżatt wara l-ħaddiema tal-bini.³

(²) L-attività fil-beni immobbli, fil-kiri u fil-kummerċ tikkonsisti minn subkategoriji bħal 'manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju tal-uffiċċju, tal-kontabilità u tal-kompjuters' kif ukoll 'tindif industrijali'.

(³) Grusenmeyer C. 'Sous-traitance et accidents. Exploitation de la base de données EPICEA'. Les Notes Scientifiques et Techniques de l'INRS, 266, 2007.



In-nuqqas ta' manutenzjoni jew il-manutenzjoni inadegwata

tista' twassal ukoll għal sitwazzjonijiet perikolużi, inċidenti u problemi ta' saħħa. Dan jista' jkun relatat man-nuqqas ta' manutenzjoni jew mal-manutenzjoni fqira ta' vetturi, magni industrijali jew tal-agrikoltura, faċilitajiet elettriċi, teffejja tan-nar, binjiet jew faċilitajiet tal-ilma. Il-fallimenti fil-manutenzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal diżastri fuq skala kbira b'konsegwenzi estremament ta' ħsara għall-bnedmin u għall-ambjent.

Il-proċess tal-manutenzjoni għandu jibda fl-istadju tad-disinn u tal-ippjanar – saħansitra qabel ma l-ħaddiema tal-manutenzjoni jidħlu fil-post tax-xogħol. Huwa essenzjali li jiġu implimentati proċeduri xierqa ta' **valutazzjoni ta' riskji** għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni, kif ukoll li jiġu adottati **miżuri adegwati ta' prevenzjoni** biex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema involuti fl-attivitajiet ta' manutenzjoni. Wara li jitlestew l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni, għandhom isiru kontrolli speċjali (spezzjonijiet u testijiet) biex jiġi żgurat li l-manutenzjoni twettqet kif suppost u li ma nholqox riskji ġodda. Matul il-proċess kollu, l-**immaniġġjar tajjeb tal-manutenzjoni** għandu jiżgura li l-manutenzjoni tiġi kkordinata, skedata u mwettqa korrettament kif ippjanat, u li l-għodda jew il-post tax-xogħol jinżammu f'kundizzjoni sigura għal operazzjonijiet li jkun għaddejnin il-ħin kollu.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport sħiħ, *Il-Manutenzjoni u l-OHSA* — Stampa statistika, huwa disponibbli fuq:

http://osha.europa.eu/en/publications/literature_reviews

Din l-iskeda informattiva nħolqot biex tappoġġja l-kampanja Ewropea dwar is-sigurtà fil-manutenzjoni 2010-11. Skedi informattivi oħrajn fis-serje u tagħrif ieħor dwar dan is-suġġett huma disponibbli fuq <http://osha.europa.eu/en/topics/maintenance>. Din ir-riżorsa qiegħda tiġi żviluppata u aġġornata kontinwament.

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, 48009 Bilbao, SPAIN
Tel. +34 944794360, fax +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu

